**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Michael Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Michael Agius,** iben Francis u Carmela nee` Camilleri, imwieled Lura nhar il-31 ta' Ottubru 1958 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0709758M

Akkużat talli, nhar it-22 ta' April 2023 għal ħabta ta' 07:30hrs, ġewwa Fromm ir-Riħ fl-inħawi tal-Imġarr Malta:

1. Waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar, ħa jew prova jieħu xi għasfur u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(c) ta' L.S. 549.42 ;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur (Gamiema, European Turtle Dove, Streptopelia turtur) li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki u dan bi ksur ta' regolamen 7(1)(e) ta' L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkonsidrat**

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kien qiegħed jonsob għal gamiem waqt staġun magħluq u jagħmel użu minn xbieki, u dan wara rapport li sar minn Fiona Burrows. Burrows xehdet f'dawn il-proċeduri u qalet li fit-22 ta' April 2023 għall-ħabta tas-7.30am sabet mansab attiv u ħadet xi *footage* li jinsab esebit fl-atti u mmarkat bħala Dok FB2. Burrows tgħid li hija rat raġel bil-qiegħda fil-mansab, li telaq minn fuq il-post għal ħabta ta' 08:50am b'basket iswed f'idejh, u mar ineħħi *live turtle dove decoy* u *decoy* ieħor mill-mansab, poġġihom fil-basket u telaq.

Id-difiża issostni li l-prosekuzzjoni pruvatx lil hinn minn kull dubbju raġonevoli l-akkużi dedotti kontra l-imputat għaliex Fiona Burrows qatt ma ratu attivament jonsob, u l-imputat qatt ma ammetta mal-pulizija li kienet jonsob iżda biss li kien hu li jidher fil-mansab. Barra minn skont id-difiża il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar fuq min huwa rreġistrat il-mansab u żżid li d-data tal-irċevuta ma taqbilx mad-data tal-imputazzjonijiet.

Fir-rigward tad-data tal-irċevuta, il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' PC967 Aiden Vella jirriżulta li filwaqt li l-pulizija rrikorrew fuq il-post indikat minn Fiona Burrows fit-22 ta' April 2023, dakinhar ma rawx u ma rnexxilihomx jagħmlu kuntatt mal-imputat. PC967 spjega li huwa rnexxilu jagħmel kuntatt mal-imputat wara dakinhar u eventwalment kien tkellem miegħu fil-25 ta' April 2024 meta kien mar l-uffiċini tagħhom. Għalhekk, jekk l-imputat kien ġie mitkellem mill-pulizija għall-ewwel darba fil-25 ta' April 2023 huwa loġiku li l-irċevuta ġiet rilaxxata dakinhar.

Il-Qorti tosserva wkoll li mhuwiex minnu dak argument mid-difiża li mal-pulizija l-imputat kien ammetta biss li kien hu li jidher fil-*footage* meħud minn Fiona Burrows. PC967 Aiden Vella ma xehedx biss li l-imputat ammetta miegħu li kien hu li jidher f'dan il-*footage* iżda wkoll kompla jixhed hekk "Fejn x'ħin staqsejtu fuq dan il-filmat qalli, "isma, mhux ħa noqgħod....fil-qosor dak huwa jien u jien kont qed nonsob għall-gamiema," qalli "jiena dħalt ġo dik il-kamra u issakkart ġewwa għax bżajt minnkom." Dan wara li l-imputat kien ingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħu u kkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu.

F'dan ir-rigward ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard,** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Settembru 2004 illi:

> "Hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu w li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghid li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:-
> "A free and voluntary confession of guilt by a prisoner, whether under examination before magistrates or otherwise, if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved , is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence : R. v. White, R.& R. 508; R. v. Tippet, id. 509; R. v. Eldridge, id.440; R.v. Falkner, id. 481; R. v. Francia , 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n , Fost. 240; R. v. Lambe, 2 Leach 552; R. v. Wheeling, 1. Leach 311 n."

> Jintqal ukoll li:- "Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument ..If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses." (See R. v. Simons, C. & P. 540) ( ARCHBOLD . p.376)."

Minn studju tal-ġurisprudenza jirriżulta li hija ammissibli ix-xhieda ta' uffiċjal pulizija dwar il-konfessjoni bil-fomm li tkun saret lilu mill-imputat, dejjem jekk ikun laħaq ġie mogħti it-twissija skont il-liġi, u l-konfessjoni tkun saret volontarjament, mingħajr theddid jew wegħdiet. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Pisani** deċiża fis-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet in konsiderazzjoni konfessjoni bil-fomm li l-imputat kien għamel ma uffiċjal tal-pulizija, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali u wkoll l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, skont liema ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnuta, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Psaila** deċiża fl-20 ta' Ġunju 2014, fejn meta l-Qorti ġiet biex tiddeċiedi jekk kellhiex tieħu in konsiderazzjoni jew tiskarta dak mistqarr mill-imputat lill-pulizija bil-fomm qabel ma ttieħditlu stqarrija bil-mitkub, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.
>
> L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar lgħemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.
>
> Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li lappellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija."

Il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' Fiona Burrows u l-*footage* sottomess minnha jirriżulta lill-imputat fuq il-post għal ħabta tas-7.30am, u xi siegħa

wara ratu jieħu gamiema li kienet qed tintuża bħala taħrik u gaġġa żgħira b'għasfur iżgħar ġo fiha u jitlaq minn fuq il-post qabel ma waslu l-uffiċjali tal-EPU. Imbagħad, PC 967 Aiden Vella xehed illi fuq il-post huwa kien sab ġoga, u ċioe tip ta' ġoga li tintuża għall-insib tal-gamiem. Din ix-xhieda hija kkorroborata mill-affidavit ta' PC541 li xehed li fuq il-post kien hemm "ġoga kbira ta' lewn griż/turquoise li din kienet evidenti li kienet qed tintuża għall-insib tal-gamiem, kif ukoll ġie nnotat li kien hemm xi rix tal-gamiem viċin l-istess ġoga." In vista ta' din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' PC967 hija kredibbli u sorretta mill-provi, u l-Qorti m'għandhiex raġuni għalfejn tiskarta x-xhieda tiegħu, inkluż ix-xhieda tiegħu dwar il-konfessjoni libera u volontarja tal-imputat.

Il-Qorti rat li mix-xhieda ta' Nicholas Grech jirriżulta li fit-22 ta' April 2023 l-istaġun tal-insib kien magħluq. Mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija msemmija jirriżulta wkoll li l-imputat kien qed jagħmel użu minn xbieki, kif huwa filfatt indikat ukoll fl-irċevuta numru 001467 li tinsab esebita fl-atti. Fir-rigward tal-argument tad-difiża li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar fuq min hu rreġistrat il-mansab, il-Qorti tqis li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li titressaq din il-prova ġaladarba ġie pruvat li kien l-imputat li kien qiegħed effettivament jonsob minn fuq dan il-mansab, u dan waqt staġun magħluq għall-insib kif filfatt jinsab akkużat.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni resqet prova sal-grad rikjest mill-ħtieġa dwar il-ħtija tal-imputat fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat ir-regolament 18(1)(c), 4(1)(a), 7(1)(e) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' disa` mitt ewro (€900) li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' tletin ewro (€30), tordna l-konfiska tax-xbiek, lasti, ħbula u ġoga indikati fl-irċevuta annessa ma' Dok EM1 u tissospendi kull licenza u permess relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u t-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur